MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 375/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Carol Fabri**

**vs**

**Caterina Calleja**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Caterina Calleja ta’ 68 sena, mwielda Hal Qormi nhar it-8 ta’ Novembru, 1943, bint Nazzareno Micallef u Josephine nee’ Baldacchino, it-tnejn mejtin u residenti Bini tal-Gvern, Blk A, Flat 3, Triq il-Laqxija, B’ Kara u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 703843(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fit-3 ta’ Jannar, 2012 :

1) Halfet il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

2) Iddenunzjat rapport lill-Pulizija esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

3) Bil-qerq holqot jew gieghlet li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel, meta jinsab hati, bhala xhud falz, bil-mod kif jinghad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

F'kaz ta' htija il-Qorti kienet mitluba li minn barra l-piena jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Lulju 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, ikkunsidrat l-fatt li l-imputata ghandha l-fedina penali netta kif ukoll ikkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 108(1), 110(1) u (2) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputata kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imputata sservi bhala xhud.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------